

Brussell, 4 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11177/25

LIMITE

MOG 79
POLCOM 147

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi:	4 ta' Lulju 2025

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jifflu negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Strateġika individwali ma' kull wieħed mis-sitt pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda)
- Adozzjoni

1. Fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jifflu negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Strateġika individwali ma' kull wieħed mis-sitt pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda).¹
2. Fl-24 ta' April, it-8, it-22 u t-28 ta' Mejju, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali eżamina l-partijiet kummerċjali tar-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq, u approva t-test fit-28 ta' Mejju 2025.
3. Fl-10 ta' April, il-5 u s-26 ta' Mejju, it-12, id-19 u l-24 ta' Ġunju, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Lvant Nofsani/il-Golf iddiskuta d-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta u d-direttivi ta' negozjati, u laħaq qbil dwar it-test tad-direttivi ta' negozjar b'modifiki kif jinsab fid-dokument 10901/25 ADD1 fl-20 ta' Ġunju 2025.

¹ 7657/25

4. Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-Grupp ta' Ħidma qabel dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jifih negożjati dwar u jinnegożjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għal Ftehimiet ta' Sħubija Strateġika individwali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-sitt pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda) min-naħa l-oħra. Sa fejn din tagħmel parti wkoll mill-kompetenza tagħhom stess, l-Istati Membri kollha kienu f'pożizzjoni li jaqblu mal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti,
- a) il-Kunsill huwa mistieden
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jifih negożjati dwar u jinnegożjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għal Ftehimiet ta' Sħubija Strateġika individwali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u s-sitt pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda) min-naħa l-oħra, kif tinsab, wara verifika mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 10901/25 kif ukoll id-direttivi ta' negożjar li jinsabu fl-addendum tiegħu;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 10901/25 u din id-deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.